KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI JÄÄSKINEN
ippreżentati fit-22 ta' April 2010[1]

I — Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Qafas"), u li jinsab anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [determinat] konkluż mill-ETUC [CES], mill-UNICE u mis-CEEP[2] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 1999/70").

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn F. Sorge u l-impriża li timpjegaha, Poste Italiane SpA (iktar 'il quddiem "Poste Italiane"), dwar il-klawżola tal-kuntratt ta' xogħol tagħha li kienet tistipula li dan ġie konkluż għal żmien determinat u li fih ma jissemmew la l-ismijiet tal-ħaddiema ssostitwiti, u lanqas ir-raġunijiet għaliex dawn tal-aħħar kienu assenti. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70, dawn l-indikazzjonijiet kellhom jissemmew f'tali kuntratt ta' xogħol. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368, tas-6 ta' Settembru 2001[3] (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv 368/2001"), li kien applikabbli *ratione temporis* fir-rigward tal-kuntratt inkwistjoni, tali obbligu ma jeżistix iktar.

3. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tippreċiża u tiżviluppa l-ġurisprudenza li hija adottat fis-sentenzi Mangold u Angelidaki *et*[4]. Hija mitluba tevalwa r-relazzjoni bejn il-bidla fid-dritt nazzjonali deskritta iktar 'il fuq u l-kunċett ta' "tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema fil-qasam tal-ftehim [Qafas]" previst fil-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas. Il-qorti tar-rinviju titlob ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara l-effetti, fuq il-kawża prinċipali, ta' nuqqas eventwali ta' konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-Ftehim Qafas[5].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

3 — Digriet Leġiżlattiv li jeżegwixxi d-Direttiva 1999/70, (GURI Nru 235, tad-9 ta' Ottubru 2001, p. 4).

4 — Sentenzi tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold (C-144/04, Ġabra p. I-9981), kif ukoll tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et* (C-378/07 sa C-380/07, Ġabra p. I-3071).

5 — Din il-qorti dan l-aħħar ressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari fil-kuntest ta' kawża li tikkonċerna lil Poste Italiane u li tirrigwarda wkoll id-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/01 u l-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas: ara l-kawża Vino (C-20/10, li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt tal-Unjoni* [6]

4. Id-Direttiva 1999/70 hija bbażata fuq l-Artikolu 139(2) KE [7] u hija intiża, skont l-Artikolu 1 tagħha, li "li [ġ]ġib fis-seħħ il-ftehim qafas [...] konkluż [...] bejn l-organizzazzjonijiet ġenerali ta' l-industrija (ETUC [CES], UNICE u CEEP) annessi hawn [8]."

5. Mill-premessi 3, 6, 7 u 13 sa 17 tal-imsemmija direttiva, kif ukoll mill-ewwel sat-tielet paragrafu tal-preambolu u mill-punti 3, 5 sa 8 u 10 tal-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-Ftehim Qafas jirriżulta li:

— il-kompletazzjoni tas-suq intern għandha twassal għal titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema fil-Komunità Ewropea permezz ta' approssimazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet waqt li jinżamm it-titjib, b'mod partikolari fir-rigward ta' forom partikolari ta' xogħol ta' xort'oħra minn xogħol għal żmien indeterminat, sabiex jintlaħaq bilanċ aħjar bejn il-flessibbiltà fil-ħin tax-xogħol u s-sigurtà għall-ħaddiema;

— dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, tant li ġie kkunsidrat li jkun aħjar li tintuża miżura Komunitarja legalment vinkolanti, elaborata f'kollaborazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali;

— il-partijiet għall-Ftehim Qafas jirrikonoxxu li, minn naħa, il-kuntratti għal żmien indeterminat huma, u jibqgħu jkunu, il-forma ġenerali tar-relazzjonijiet ta' xogħol, peress li dawn jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiema kkonċernati u jtejbu l-prestazzjonijiet tagħhom, imma li, min-naħa l-oħra, il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat jirrispondu, f'ċerti sitwazzjonijiet, għall-ħtiġijiet kemm ta' min jimpjega kif ukoll tal-ħaddiema;

— il-Ftehim Qafas jistipula l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti minimi għal xogħol għal żmien determinat, billi jistabbilixxi, b'mod partikolari, qafas ġenerali intiż biex ikun żgurat trattament ugwali għall-ħaddiema għal żmien determinat waqt

6 — Peress li l-kawża prinċipali tikkonċerna l-interpretazzjoni ta' digriet leġiżlattiv tas-6 ta' Settembru 2001, ser isir referiment għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE skont in-numerazzjoni applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

7 — L-Artikolu 139(2) KE jipprevedi li l-imsieħba soċjali jistgħu jitolbu flimkien li l-ftehim konkluż fuq il-livell Komunitarju jkunu implementati b'deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.

8 — Jiġifieri l-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions, l-Unjoni tal-Konfederazzjonijiet tal-Industrija u ta' Min Iħaddem fl-Ewropa (li mill-2007 bdiet tissejjaħ BusinessEurope) u ċ-Ċentru Ewropew tal-Intrapriżi Pubbliċi.

li jkunu protetti mid-diskriminazzjoni kif ukoll għal prevenzjoni tal-abbuż kkawżati mill-użu ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, filwaqt li ssir referenza għall-Istati Membri u għall-imsieħba soċjali għad-definizzjoni tal-arranġamenti dettaljati tal-applikazzjoni tal-imsemmija prinċipji u rekwiżiti, sabiex jiġu kkunsidrati r-realtajiet tas-sitwazzjonijiet nazzjonali, settorjali u staġjonali speċifiċi;

— huwa għalhekk li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kkunsidra li l-instrument adattat għall-implementazzjoni ta' dan il-Ftehim Qafas huwa direttiva, peress li din torbot lill-Istati Membri fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq, imma tħallilhom l-għażla tal-forma u tal-metodi;

— fir-rigward b'mod partikolari tal-kliem użat fil-Ftehim Qafas, imma li ma ġiex iddefinit b'mod speċifiku, id-Direttiva 1999/70 tħalli f'idejn l-Istati Membri biex jiddefinixxu dan il-kliem skont id-dritt u/jew il-prattiki nazzjonali, sakemm dawn jirrispettaw il-Ftehim Qafas, u

— skont il-partijiet firmatarji tal-Ftehim Qafas, l-użu ta' kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat ibbażat fuq raġunijiet oġġettivi jikkostitwixxi mezz għall-prevenzjoni tal-abbuż b'detriment għall-ħaddiema.

6. Il-klawżola 1 tal-Ftehim Qafas tiddetermina l-għan doppju ta' dan tal-aħħar billi tirreferi, minn naħa, għar-rispett tal-"prinċipju ta' non-diskriminazzjoni", li huwa stabbilit fil-klawżola 4, u, min-naħa l-oħra, għall-miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu l-użu abbużiv ta' kuntratti jew ta' relazzjonijiet ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, li huma s-suġġett tal-klawżola 5.

7. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Qafas huwa stabbilit fil-klawżola 2, kif ġej: "ħaddiema għal terminu [żmien] fiss [determinat]", kunċett li ġie ddefinit fil-klawżola 3, "li għandhom kuntratt ta' impjieg [xogħol] jew relazzjoni ta' impjieg [xogħol] kif definit fil-liġi, fil-ftehim kollettiv jew fil-prattika f' kull Stat Membru".

8. Il-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas rigward id-"Dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni", tipprevedi:

"1. L-Istati Membri u/jew l-imsieħba soċjali jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għal ħaddiema milli kif stabbilit f'dan il-ftehim.

[…]

3. L-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim m'għandhiex tikkostitwixxi bażijiet validi għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema fil-qasam tal-ftehim.

[…]

5. Il-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kwisjonijiet u lmenti ikkawżati mill-applikazzjoni ta' dan il-ftehim għandhom iseħħu skond il-liġi nazzjonali, il-ftehim kolletiv u l-prattika.

[…]"

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

1. Il-leġiżlazzjoni abrogata

9. L-Artikolu 1(1) sa (4) tal-Liġi Nru 230, tat-18 ta' April 1962, li tirregola l-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat [9] (iktar 'il quddiem il-"Liġi 230/1962"), kif emendata sussegwentement, kien jipprovdi:

"Il-kuntratt ta' xogħol għandu jiġi kkunsidrat bħala kuntratt għal żmien indeterminat, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmija iktar 'l isfel.

9 — GURI Nru 125, tas-17 ta' Mejju 1962, p. 2010.

Jista' jiġi stabbilit perijodu għat-tul tal-kuntratt:

[…]

b) meta r-reklutaġġ isir bil-għan li jiġu ssostitwiti ħaddiema assenti li jkollhom id-dritt iżommu l-pożizzjoni tagħhom, kemm-il darba fil-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jissemmew isem il-ħaddiem issostitwit kif ukoll ir-raġuni għas-sostituzzjoni;

[…]

L-istipulazzjoni tat-terminu ma għandha ebda effett jekk din ma tkunx irreġistrata bil-miktub.

Min iħaddem għandu jagħti kopja tal-att bil-miktub lill-impjegat.

[…]"

2. Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ

10. L-Artikolu 11(1) tad-Digriet Leġiżlativ 368/2001, tas-6 ta' Settembru 2001, wassal għall-abbrogazzjoni totali tal-Liġi 230/1962 mill-24 ta' Ottubru 2001, peress li l-Gvern

Taljan intervjena abbażi tal-liġi li tawtorizzah jadotta r-regoli meħtieġa għat-traspożizzjoni tal-atti tad-dritt Komunitarju bħad-Direttiva 1999/70 [10].

11. L-Artikolu 1(1) sa (3) ta' dan id-digriet leġiżlattiv, fil-verżjoni applikabbli f'dan il-każ [11], jipprovdi dan li ġej:

"1. Huwa permess li jiġi ddeterminat terminu għaż-żmien tal-kuntratt ta' xogħol għal raġunijiet tekniċi, ta' produzzjoni, ta' organizzazzjoni jew ta' sostituzzjoni tal-ħaddiema.

2. L-istipulazzjoni tat-terminu ma għandha ebda effett jekk din ma tkunx ġiet irreġistrata, direttament jew indirettament, f'att bil-miktub li jispeċifika r-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Min iħaddem għandu jagħti kopja tal-att bil-miktub lill-impjegat f'terminu ta' ħamest ijiem ta' xogħol mill-bidu tal-prestazzjoni. […]".

III — Il-kawża prinċipali u r-rinviju għal deċiżjoni preliminari

12. Fid-29 ta' Settembru 2004, F. Sorge kkonkludiet kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat ma' Poste Italiane li abbażi tiegħu hija kienet ġiet impjegata "għal raġunijiet ta' sostituzzjoni, marbuta mal-ħtieġa speċifika li jkun sostitwit persunal assenjat mad-dipartiment tad-distribuzzjoni fiċ-ċentru postali tal-Puglia u tal-Basilicata, bejn l-1 ta' Ottubru 2004 u l-15 ta' Jannar 2005".

13. B'rikors tat-18 ta' Frar 2008, F. Sorge fetħet kawża kontra Poste Italiane, fejn talbet lit-Tribunale di Trani — Sezione Lavoro (l-Italja) (iktar 'il quddiem it-"Tribunale di Trani") li tiġi ddikjarata l-illegalità tal-klawżola taż-żmien determinat inkluża f'dak il-kuntratt. Insostenn tat-talba tagħha, hija invokata li l-isem tal-ħaddiema ssostitwiti u r-raġuni għas-sostituzzjoni tagħhom ma kinux indikati hemmhekk, filwaqt li d-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 kien għadu jeżiġi li dawn l-indikazzjonijiet jiġu pprovduti fil-każ ta' reklutaġġ b'kuntratt għal żmien determinat minħabba sostituzzjoni.

14. Poste Italiane kkontestat l-eżistenza ta' tali obbligu, billi sostniet li l-Artikolu 1(2)(b) tal-Liġi 230/1962 kien ġie abrogat bl-Artikolu 11(1) tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001, li huwa applikabbli *ratione temporis*, u li dan ma kien ġie ssostitwit bl-ebda dispożizzjoni li għandha kontenut simili.

10 — Il-preambolu għad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 jindika li dan ġie adottat b'eżekuzzjoni tal-Liġi ta' Awtorizzazzjoni Nru 422, tad-29 ta' Diċembru 2000, u b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 1 tal-Anness B tagħha, li jikkonċerna d-Direttiva 1999/70 (GURI Nru 16, tal-20 ta' Jannar 2001, p. 5).

11 — Il-kuntratt ikkontestat kien konkluż qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 247 tal-24 ta' Diċembru 2007 (GURI Nru 301, tad-29 ta' Diċembru 2007, p. 3) li żiedet, fil-bidu tal-Artikolu 1 tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001, paragrafu li jfakkar: "il-kuntratt ta' xogħol għandu, bħala regola ġenerali, jiġi konkluż għal żmien indeterminat".

15. B'digriet tad-9 ta' Ġunju 2008, it-Tribunale di Trani ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja [12]:

"1) Il-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas li jinsab fid-Direttiva 1999/70/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi regoli domestiċi (bħal dawk stabbiliti mill-Artikoli 11 u 1 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001) li, b'implementazzjoni tad-Direttiva 1999/70/KE [...], abrogaw l-Artikolu 1(2)(b) tal-Liġi 230/1962, li kien jipprovdi li kien 'permess li jiġi impost limitu temporali fuq it-tul tal-kuntratt meta r-reklutaġġ seħħ sabiex jissostitwixxi ħaddiema assenti' li 'żammew id-dritt għal post tagħhom, bil-kundizzjoni li fil-kuntratt għal perijodu [żmien] determinat' 'ingħatat informazzjoni dwar l-isem tal-ħaddiem sostitwit u r-raġunijiet għas-sostituzzjoni tiegħu', u li ssostitwewh b'dispożizzjoni li ma tipprovdix iżjed l-obbligu li tingħata tali informazzjoni?

2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, il-qorti nazzjonali hija marbuta li ma tapplikax il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt Komunitarju?"

16. Ir-rikorrenti u l-konvenuta fil-kawża prinċipali, il-Gvern Taljan kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ippreżentaw osservazzjonijiet kemm bil-miktub kif ukoll orali. Il-Gvern Olandiż ippreżenta biss osservazzjonijiet bil-miktub.

IV — Analiżi

A — *Introduzzjoni*

17. Skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li ġew ippreżentati fl-1 ta' Lulju 2009 [13], ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tenfasizza li l-kwistjoni li din il-kawża tqajjem hija partikolarment importanti inkwantu, minn naħa, hemm kważi 15 000 kawża bejn Poste Italiane u l-impjegati tagħha u, min-naħa l-oħra, kemm il-qrati tal-ewwel u tat-tieni istanzi kif ukoll il-qrati supremi Taljani diġà ħadu jew qegħdin jieħdu deċiżjoni rigward it-testi msemmija fit-talba għal deċiżjoni preliminari.

18. Biex tiġġustifika t-talba tagħha, il-qorti tar-rinviju tenfasizza wkoll li hemm numru kunsiderevoli ta' deċiżjonijiet fuq il-mertu

12 — B'digriet tal-21 ta' April 2008, it-Tribunale di Trani kien diġà qajjem il-kwistjoni ta' kostituzzjonalità fir-rigward tal-Artikoli 1 u 11 tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001, li l-Corte Costituzionale ddeċidiet dwarha permezz tad-Deċiżjoni Nru 214, tat-8 ta' Lulju 2009.

13 — Għandu jiġi enfasizzat li, l-osservazzjonijiet kollha li ġew ippreżentati mill-partijiet huma sussegwenti għas-sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq, bil-kontra tad-deċiżjoni tar-rinviju.

ta' qrati li interpretaw id-Digriet Leġiżlattiv inkwistjoni, u dan b'mod għalkollox differenti. Minbarra d-diversi deċiżjonijiet li F. Sorge ppreżentat f'anness għall-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, waqt is-seduta, hija rreferiet ukoll għal diversi deċiżjonijiet li ngħataw dan l-aħħar f'dan il-kuntest mill-Corte suprema di cassazione u mill-Corte Costituzionale [14]. L-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju u d-diversi informazzjoni inkluża fil-proċess mill-partijiet ikkonċernati jagħtu lok, tabilħaqq, għal ċerta konfużjoni rigward il-kontenut tad-dritt nazzjonali f'din il-materja.

19. Qabelxejn, infakkar ukoll xi prinċipji bażiċi li jistgħu jagħtu gwida rigward l-interpretazzjoni ta' regoli adottati fil-qasam tal-politika soċjali. Mill-Artikoli 136 KE *et seq* jirriżulta li l-Istati Membri għandhom kompetenza f'dan il-qasam u li l-miżuri meħuda f'dan il-kuntest għandhom jikkunsidraw id-diversità tal-prattiki nazzjonali, kif ukoll il-ħtieġa li tinżamm il-kompetittività tal-ekonomija tal-Komunità.

20. L-Artikolu 139 KE għandu t-tendenza jiffavorixxi n-negozjati kollettivi fuq il-livell Komunitarju u jaċċetta anki l-eżistenza ta' setgħa leġiżlattiva awtonoma tal-imsieħba soċjali. Il-Ftehim Qafas dwar il-kuntratti għal żmien determinat, li ġie adottat fuq il-bażi ta' dan it-test, jistabbilixxi biss rekwiżiti minimi u għandu għanijiet *a priori* kuntradittorji, li għaldaqstant jeħtieġu xi kompromessi, jiġifieri, b'mod partikolari li jintlaħaq bilanċ aħjar bejn il-flessibbiltà fil-ħin tax-xogħol għall-impriżi u s-sigurtà tal-impjieg għall-ħaddiema [15], imma anki li jiġu kkunsidrati r-realtajiet tas-sitwazzjonijiet nazzjonali, settorjali u staġjonali speċifiċi [16].

21. Dawn il-kunsiderazzjonijiet differenti ma għandhomx jintesew fl-analiżi tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati mit-talba għal deċiżjoni preliminari. Fil-fehma tiegħi, filwaqt li r-regoli nazzjonali tal-liġi dwar ix-xogħol li għandhom għan protettiv, l-istess bħall-istipulazzjonijiet tal-kuntratti ta' xogħol individwali, għandhom, f'każ ta' dubju, jiġu interpretati favur il-parti dgħajfa jiġifieri l-ħaddiem, id-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettivi għandhom madankollu jiġu interpretati b'mod strett sabiex ma tiġix żnaturata r-rieda konġunta tal-partijiet kontraenti [17]. Għaldaqstant, il-kriterji ta'

14 — Ir-rappreżentant ta' Poste Italiane ppreżenta lill-Qorti tal-Ġustizzja, fi tmiem is-seduta, id-Deċiżjoni Nru 214/2009 mogħtija fit-8 ta' Lulju 2009 mill-Corte Costituzionale, kif ukoll tliet sentenzi mogħtija mill-Corte Suprema di Cassazione, Sezione Lavoro (sentenza tas-26 ta' Novembru 2009 u tal-14 ta' Jannar 2010, Nru R.G.N. 22536/2008; sentenzi tas-26 ta' Settembru 2009 u tal-14 ta' Jannar 2010, Nri R.G.N. 21956/2008 u 22465/2008; sentenza tal-10 ta' Diċembru 2009 u tas-27 ta' Jannar 2010, Nru R.G.N. 20577/2006).

15 — Żewġ għanijiet maqgħuda fin-neoloġiżmu tal-"flessigurtà", li b'mod partikolari jintuża f'dokumenti tal-Kummissjoni bħall-Komunikazzjoni tas-27 ta' Ġunju 2007, KUMM/2007/0359 finali.

16 — Ara, f'dan ir-rigward, il-preambolu għall- u l-kunsiderazzjonijiet ġenerali tal-Ftehim Qafas.

17 — L-eżistenza ta' ftehim kollettivi Ewropej bħala strumenti li għandhom valur ġuridiku vinkolanti, u għalhekk l-eżistenza ta' liġi kollettiva Ewropea dwar ix-xogħol, tiddependi tabilħaqq mill-kunfidenza li l-imsieħba soċjali għandhom fil-fatt li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom ser ikunu konformi mal-kompromessi nnegozjati.

applikazzjoni restrittivi li huma stabbiliti mid-diċitura tal-Ftehim Qafas ma jistgħux jiġu mwarrba mingħajr raġunijiet validi.

B — *Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari*

22. Qabelxejn, Poste Italiane qajmet l-inammissibbiltà u n-nuqqas ta' rilevanza tad-domandi rrinvijati bid-deċiżjoni tar-rinviju tad-9 ta' Ġunju 2008, minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja, sadanittant, kienet irrispondiet għal domandi simili fis-sentenza Angelidaki *et* li ngħatat fit-23 ta' April 2009 [18], biex b'hekk tat lit-Tribunale di Trani l-parametri utli biex jagħti deċiżjoni b'mod indipendenti.

23. Nikkunsidra li ma hemm l-ebda dubju rigward l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari, kif osservat il-Kummissjoni matul is-seduta. Fil-fatt, in-natura innovattiva ta' domanda preliminari ma tikkostitwix kundizzjoni għall-ammissibbiltà tal-imsemmija domanda. Xejn ma jwaqqaf lil qorti nazzjonali milli terġa' tirrinvija lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda li hija tkun diġà rrispondiet.

18 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq (b'mod partikolari l-punti 126 u 208 sa 212).

24. F'każ ta' din ix-xorta, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-possibbiltà li tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat ibbażat fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura [19]. Mill-evidenza tad-diċitura ta' dan it-test jirriżulta li x-xebh bejn id-domandi magħmula fid-deċiżjoni tar-rinviju ma' ċerti domandi li l-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet sussegwentement fis-sentenza Angelidaki *et* ma huwiex minnu nnifsu kawża ta' inammissibbiltà. Il-Qorti tal-Ġustizzja applikat din id-dispożizzjoni proċedurali eżattament f'kawżi fejn ir-risposta għal domanda identika kienet tirriżulta mill-imsemmija sentenza u setgħet tiġi trasposta għad-domanda magħmula, f'dan il-każ qabel ma ngħatat is-sentenza [20].

25. Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita mill-Artikolu 234 KE, il-qorti tar-rinviju — li hija biss għandha għarfien dirett tal-fatti li wasslu għall-kawża li ntalbet tagħti deċiżjoni dwarha u li għandha tieħu r-responsabbiltà għad-deċiżjoni tagħha fuq il-mertu — hija, fir-rigward tal-karatteristiċi partikolari tal-kawża, fl-aħjar pożizzjoni sabiex tevalwa kemm-il ħtieġa għal deċiżjoni preliminari biex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja. Meta dawn jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-prinċipju, tagħti deċiżjoni, bla ħsara, madankollu, li twettaq eżami tal-kundizzjonijiet li fihom hija ġiet adita mill-qorti nazzjonali, sabiex

19 — "Fil-każ li domanda għal deċiżjoni preliminari tkun identika għal domanda li l-Qorti diġà ddeċidiet dwarha, jew fil-każ li t-tweġiba għal tali domanda tkun tista' kjarament tiġi dedotta mill-ġurisprudenza, il-Qorti tista', wara li tkun semgħet lill-Avukat Ġenerali, f'kull waqt, tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat, li jkun fih referenza għas-sentenza preċedenti jew għall-ġurisprudenza kkonċernata".

20 — Ara d-digrieti tal-24 ta' April 2009, Koukou (C-519/08), kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2009, Lagoudakis (C-162/08 sa C-164/08).

tkun tista' tivverifika jekk għandhiex ġurisdizzjoni [21].

C — *Fuq il-portata tal-klawżola msejħa "ta' nuqqas ta' rigressjoni"*

26. Issa, jidher li t-Tribunale di Trani sostna t-talba għal deċiżjoni preliminari tiegħu b'mod suffiċjenti biex juri r-rilevanza tagħha, 1) billi ddefinixxa l-kuntest fattwali li fih taqa' din id-domanda, 2) billi ta indikazzjonijiet utli rigward il-kuntest ġuridiku nazzjonali rilevanti, 3) billi espona l-argumenti tal-partijiet fil-kawża prinċipali u l-inċertezzi fir-rigward tal-ġurisprudenza nazzjonali li wassluh jevalwa l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, 4) billi spjega sa fejn risposta għaż-żewġ domandi magħmula hija meħtieġa sabiex tingħata deċiżjoni dwar il-kawża prinċipali. Barra minn hekk, fid-data meta ġiet adita l-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ntalbet kienet tirrispondi effettivament għal ħtieġa oġġettiva inerenti għas-soluzzjoni ta' kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju [22].

28. Fid-deċiżjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju tesprimi d-dubji tagħha rigward il-konformità tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 mad-Direttiva 1999/70 u mal-Ftehim Qafas anness magħha. Fl-ewwel domanda preliminari, din il-qorti tistaqsi, b'mod partikolari, jekk id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikoli 1 u 11 ta' dan id-digriet leġiżlattiv tawx lok għal tnaqqis ipprojbit tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema fis-sens tal-klawżola 8 tal-imsemmi ftehim qafas. Fid-dawl tad-diversi argumenti ppreżentati f'dan il-każ, jidhirli li l-ewwel jeħtieġ li jiġi ddefinit il-kuntest tad-deċiżjoni li għandha tingħata, u b'hekk dak ta' dawn il-konklużjonijiet. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas għandu wkoll jiġi ddefinit qabel ma tingħata interpretazzjoni tal-kontenut tagħha.

1. Fuq ir-restrizzjoni tal-portata tar-risposta għall-portata tad-domanda

27. Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, jiena tal-fehma li l-oġġezzjonijiet tal-konvenuta fil-kawża prinċipali ma jistgħux jintlaqgħu u li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

29. Huwa veru li d-diċitura tal-ewwel domanda hija tali li jidher li tirreferi għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha tal-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas. Madankollu, it-Tribunale di Trani indika espressament ukoll li huwa kien qed jitlob kjarifika mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jistabbilixxi jekk l-Artikoli 1 u 11 tad-Digriet

21 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Mangold, iċċitata iktar 'il fuq (punti 34 *et seq*) kif ukoll tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, Ġabra p. I-6057, punti 39 *et seq*).

22 — Ara s-sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq (punt 38).

Leġiżlattiv 368/2001 jiksrux il-klawżola ġeneralment ikklassifikata bħala "ta' nuqqas ta' rigressjoni" li hija inkluża eżattament fil-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas.

30. Sa fejn ċerti osservazzjonijiet, partikolarment dawk ippreżentati minn F. Sorge, jinkludu żviluppi relatati mal-Klawżoli 4 u 5 tal-Ftehim Qafas jew ma' dispożizzjonijiet oħrajn tad-Digriet Leġiżlattiv bħal dawk sostnuti mit-Tribunale di Trani [23], għandu jiġi ppreċiżat li l-portata tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja hija delimitata mit-talba għal deċiżjoni preliminari u mhux mil-linji gwida eventwalment mogħtija mill-partijiet.

31. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li ma hemmx lok biex il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-argumenti ppreżentati mill-partijiet fil-kawża prinċipali meta il-partijiet ikunu ppreżentaw osservazzjonijiet li jikkonċernaw problemi li ma ġewx koperti fid-domandi preliminari [24]. Barra minn hekk, il-fatt li jingħataw risposti għall-argumenti supplementari msemmija mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha ma huwiex kompatibbli mal-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura l-possibbiltà li l-gvernijiet tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-fatt li, skont din id-dispożizzjoni, huma d-deċiżjonijiet tar-rinviju biss li għandhom jiġu nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati [25].

32. Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li l-kawża prinċipali tirrigwarda l-konklużjoni ta' kuntratt wieħed għal żmien determinat, u mhux ta' kuntratt li huwa parti minn sensiela ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi. Peress li hija biss din is-sitwazzjoni tal-aħħar li hija koperta mill-klawżola 5(1) u (2) tal-Ftehim Qafas, ma hemmx lok li tingħata interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni, u b'mod partikolari tal-kunċett li hija tinkludi ta' "raġunijiet oġġettivi" li jippermettu li jiġi ġġustifikat it-tiġdid ta' tali kuntratti [26]. Barra minn hekk, fis-sentenza Mangold [27], wara li kkonstatat li l-kuntratt ikkonċernat kien l-ewwel u l-uniku kuntratt ta' xogħol li kien konkluż bejn il-partijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja qalet li l-interpretazzjoni tal-klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas kienet manifestament nieqsa mir-rilevanza għall-finijiet tas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali.

23 — F. Sorge mhux qed tirreferi biss għall-Artikolu 1(1), (2) u (4) tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001, imma anki għall-Artikoli 2(1a), 4„4a u 5(3) u (4a) ta' dan it-test.

24 — Fil-kuntest tal-proċeduri għal deċiżjoni preliminari, hija l-qorti nazzjonali biss li għandha tevalwa r-rilevanza ta' tali argumenti u, jekk ikun il-każ, li terġa' tagħmel rinviju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk hija tikkunsidra li dan huwa meħtieġ sabiex tikseb iktar punti ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju sabiex tagħti s-sentenza tagħha. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 1985, CBEM (311/84, Ġabra p. 3261, punti 9 *et seq*) kif ukoll tal-24 ta' Marzu 1992, Syndesmos Melon tis Eleftheras Evangelikis Ekklisias *et* (C-381/89, Ġabra p. I-2111, punti 18 *et seq*).

25 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1997, Phytheron International, (C-352/95, Ġabra p. I-1729, punt 14) kif ukoll tas-17 ta' Settembru 1998, Kainuun Liikenne u Pohjolan Liikenne (C-412/96, Ġabra p. I-5141, punt 24).

26 — Rigward dan il-kunċett, ara, b'mod partikolari, is-sentenza Adeneler *et*, iċċitata iktar 'il fuq, (punti 66 *et seq*, kif ukoll id-digriet tat-12 ta' Ġunju 2008, Vassilakis *et* (C-364/07, punti 88 *et seq*).

27 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq (punti 40 sa 43).

33. Fir-rigward tal-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas, li ġiet invokata wkoll minn F. Sorge, din lanqas ma hija s-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Madankollu, nixtieq nippreċiża li dawn id-dispożizzjonijiet rigward in-nondiskriminazzjoni, li għandhom portata ġenerali, jidhirli li huma applikabbli għall-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat kollha, inkluż l-ewwel jew l-uniku kuntratt ta' din ix-xorta.

2. Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas

34. Id-determinazzjoni tal-portata materjali tal-Ftehim Qafas hija partikolarment importanti għaliex il-klawżola 8(3) tiegħu tipprevdi li l-projbizzjoni stabbilita minn dik id-dispożizzjoni tikkonċerna biss "[il]-qafas tal-ftehim". Il-Klawżoli 1 u 2 tal-imsemmi ftehim qafas jiddefinixxu rispettivament l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Fil-fehma tiegħi, l-effett ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali jestendi evidentement għall-klawżola 8. Fi kliem ieħor, il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola msejħa "ta' nuqqas ta' rigressjoni" jikkonċidi ma' dak tal-Ftehim Qafas li hija inkluża fih.

35. Min-naħa l-oħra, għandha ssir distinzjoni bejn l-isfera ta' intervent tad-dispożizzjonijiet speċjali bħall-klawżola 5 ta' dan il-ftehim, li tikkonċerna speċifikatament il-prevenzjoni tal-abbużi kkawżati mill-użu ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi, u l-kamp tal-Ftehim Qafas kollu kif ukoll il-kamp tal-klawżola 8 b'mod partikolari.

36. Huwa minnu, kif osservat il-Kummissjoni, li l-Ftehim Qafas ma jgħid xejn dwar ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw il-konklużjoni tal-ewwel kuntratt għal żmien determinat, bil-kontra tal-obbligu li jittieħdu miżuri f'dan ir-rigward li, skont il-klawżola 5(1)(a) ta' dan il-ftehim, huwa impost fuq l-Istati Membri, f'każ ta' tiġdid ta' tali kuntratti. Il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament iddeċidiet li l-Ftehim Qafas ma jimponix lill-Istati Membri jadottaw miżura li teżiġi li kull l-ewwel jew l-uniku kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat ikun iġġustifikat minn raġunijiet oġġettivi skont il-klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas, dispożizzjoni li tali kuntratti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha [28].

37. Madankollu, jidhirli li huwa żbaljat li minn dan jiġi dedott, kif għamlet ir-Repubblika Taljana, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kkunsidrati mill-qorti tar-rinviju ma jaffetwawx il-qasam kopert mill-Ftehim Qafas, minħabba li l-obbligu li jiġi ġġustifikat l-ewwel u l-uniku kuntratt għal żmien determinat b'raġunijiet oġġettivi u n-natura ta' dawn ir-raġunijiet huma materji barranin għall-Ftehim Qafas, u l-emendi introdotti bid-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 b'hekk ma jistgħux jikkostitwixxu tnaqqis ipprojbit mill-klawżola 8(3) ta' dan il-ftehim.

28 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Mangold (punti 41 sa 43) kif ukoll Angelidaki *et* (punt 90).

38. Huwa minnu li sitwazzjonijiet, bħal dawk ta' F. Sorge, fejn huwa involut kuntratt wieħed għal żmien determinat ma humiex koperti mid-dispożizzjoni speċjali li tikkostitwixxi l-klawżola 5 tal-Ftehim Qafas, imma dawn xorta jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi ftehim. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw il-kuntratti inizjali jew uniċi għal żmien determinat ma jistgħux, minħabba l-fatt biss tal-portata limitata tal-klawżola 5, jiskapulaw il-klawżola msejħa "ta' nuqqas ta' rigressjoni" li tkopri, fih nnifisha, qasam daqstant ġenerali daqs dak tal-Ftehim Qafas.

tal-Klawżoli 2 u 3 tal-imsemmi ftehim [32], il-Qorti tal-Ġustizzja qalet b'mod espliċitu li "il-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas għandha tiġi interpretata fis-sens li t-'tnaqqis' previst minn din il-klawżola għandu jiġi evalwat fir-rigward tal-livell ġenerali ta' protezzjoni li kien applikabbli, fl-Istat Membru kkonċernat, kemm għall-ħaddiema li kkonkludew kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi, kif ukoll għall-ħaddiema li kkonkludew l-ewwel jew l-uniku kuntratt għal żmien determinat [determinat]" [33].

3. Fuq l-interpretazzjoni tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas

39. Fil-fatt, huwa stabbilit li, kemm fis-sentenza Mangold [29] kif ukoll fis-sentenza Angelidaki *et* [30], il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kunċett ta' "tnaqqis", fis-sens tal-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas, fir-rigward ta' ħaddiema li kkonkludew l-ewwel jew l-uniku kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat. Wara li kkunsidrat li fid-dawl tal-għanijiet tal-Ftehim Qafas, u b'mod partikolari tal-klawżola 8(3) tiegħu, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata b'mod ristrett [31] u wara li fakkret id-diċitura mhux restrittiva

40. Il-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas ġeneralment tissejjaħ "klawżola ta' nuqqas ta' rigressjoni". Anki jekk tillimita l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju tal-kompetenza leġiżlattiva nazzjonali, din il-klawżola ma għandhiex l-għan li tipprojbixxi b'mod assolut li Stat Membru jnaqqas il-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema mid-dritt intern. Min-naħa l-oħra, jekk

29 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq (punti 44 *et seq*). F'din il-kawża, il-kawża prinċipali kienet tikkonċerna kuntratt wieħed għal żmien determinat (punt 20 tal-imsemmija sentenza).

30 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq (punti 108 *et seq*). F'waħda mit-tliet kawżi magħquda, jiġifieri l-Kawża C-378/07, il-kawża prinċipali kienet tirrigwarda sensiela ta' kuntratti uniċi għal żmien determinat (punt 32 tal-imsemmija sentenza).

31 — Għandu jiġi ppreċiżat li l-kuntest ta' interpretazzjoni hawnhekk huwa differenti minn dak li analizzajt fil-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għalkemm il-qasam kopert mill-klawżola 8(3) ma għandux jiġi interpretat b'mod iktar ristrett minn dak tal-Ftehim Qafas, madankollu l-qari tad-diċitura tal-Klawżoli 1 sa 3 jindika, fil-fehma tiegħi, li l-kliem użati fil-Ftehim Qafas ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' kunċett estensiv.

32 — Sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punti 111 sa 116). Rigward il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-Ftehim Qafas, ara wkoll is-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2006, Marrosu u Sardino (C-53/04, Ġabra p. I-7213, punti 40 *et seq*); tas-7 ta' Settembru 2006, Vassallo (C-180/04, Ġabra p. I-7251, punt 32), kif ukoll tat-13 ta' Settembru 2007, Del Cerro Alonso (C-307/05, Ġabra p. I-7109, punt 24 *et seq*).

33 — Sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 121).

l-Istat Membru jwettaq tali tnaqqis, huwa jrid jassumi din l-għażla, u ma jaħbix il-politika hekk inkluża mal-pjan nazzjonali billi jistkenn wara preżunti obbligi marbuta mat-traspożizzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni. Ikun iktar eżatt li din id-dispożizzjoni tiġi kklassifikata bħala "klawżola ta' trasparenza", kif issuġġerixxa l-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża Mangold [34], wara li wera li bl-ebda mod ma kienet "klawżola ta' stand-still".

41. Is-sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq, moqrija flimkien mas-sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq, tagħti indikazzjonijiet ċari biex ikun evalwat jekk ir-riforma kkonċernata f'dan il-każ hix ipprojbita jew le fis-sens tal-imsemmija klawżola.

42. Mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-tnaqqis invokat mill-qorti tar-rinviju u allegat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jikkonsisti fil-fatt li d-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 ħassar l-obbligu, preċedentement previst bil-Liġi 230/1962, li fil-kuntratt għal żmien determinat jissemma isem il-ħaddiem issostitwit, li kellu dritt iżomm l-impjieg tiegħu, kif ukoll ir-raġuni għas-sostituzzjoni tiegħu.

43. Qabelxejn, nixtieq nosserva li, fil-fehma tiegħi, tali riforma tikkostitwixxi b'mod assolut tnaqqis tal-livell ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema li jikkonkludu kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat. L-obbligu li jissemma isem il-ħaddiem sostitwit iżid il-possibbitajiet kemm tal-ħaddiema kif ukoll tas-sindakati li jivverifikaw li d-dispożizzjonijiet restrittivi applikabbli fir-rigward ta' tali kuntratti jiġu osservati minn min iħaddem. Barra minn hekk, l-ineżistenza ta' tali obbligu tista' tagħti lok biex dawk li jħaddmu u li jkollhom ammont kbir ta' ħaddiema, ikollhom livell ogħla ta' flessibbiltà fir-rigward tal-kuntratti ta' sostituzzjoni. Fil-fatt, b'ħekk ma jkunx hemm iktar il-ħtieġa li jkun hemm korrispondenza eżatta bejn il-perijodi ta' assenza u dawk ta' sostituzzjoni tal-ħaddiema identifikati b'isimhom, imma jkun suffiċjenti li jkun hemm bilanċ nett ekwilibrat bejn in-numru ta' assenzi u n-numru ta' sostituzzjonijiet. It-tħassir ta' dan il-limitu jista' jiffaċilita l-użu minn dawk li jħaddmu ta' kuntratti għal żmien determinat biex jiżguraw sostituzzjonijiet, filwaqt li jekk le jkun irid ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom riserva ta' membri tal-persunal, li jkollhom kuntratti għal żmien indeterminat, għall-btajjel, għal-leave tal-mard u għal kull kawża oħra ta' assenza possibbli.

44. Madankollu, dan l-approċċ iċċentrat fuq ix-xorta ta' kuntratti ta' xogħol individwali mhux adegwat biex ikun iddeterminat jekk hemmx ksur tal-klawżola ta' nuqqas ta' rigressjoni inkuża fil-Ftehim Qafas. Kif qalet

34 — Punt 62 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża li wasslet għas-sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq.

il-Qorti tal-Ġustizzja [35], għandu jiġi eżaminat sa fejn l-emendi li saru mil-leġiżlazzjoni nazzjonali maħsuba biex tittrasponi d-Direttiva 1999/70 u l-Ftehim Qafas, jistgħu jitqiesu, minn naħa, bħala marbuta mal-"implementazzjoni" ta' dan il-ftehim u, min-naħa l-oħra, li jirrigwardaw il-"livell ġenerali ta' protezzjoni" tal-ħaddiema fis-sens tal-klawżola 8(3) tiegħu.

45. Fir-rigward tal-ewwel kriterju, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kunċett ta' rabta mal-"implimentazzjoni" tal-Ftehim Qafas ikopri kull miżura domestika intiża biex tiggarantixxi li l-għan tad-Direttiva 1999/70 ikun jista' jintlaħaq, inklużi dawk li, wara t-traspożizzjoni stess, jikkompletaw jew jemendaw ir-regoli domestiċi diġà adottati [36]. F'dan il-każ, din l-ewwel kundizzjoni jidhirli li tista' tiġi sodisfatta [37], fid-dawl tal-preambolu għad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001, li jirreferi espressament għad-Direttiva 1999/70, u fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li awtorizzat lill-Gvern Taljan jintervjeni f'dan il-qasam, li jirreferu għaliha wkoll [38]. Madankollu, il-leġiżlazzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tmur kontra l-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas jekk it-tnaqqis li tinvolvi huwa ġġustifikat mhux mill-ħtieġa li jiġi implementat l-imsemmi ftehim, imma minn dik li jiġi promoss għan ieħor, li huwa distint minn din l-implementazzjoni [39].

46. F'dan ir-rigward, naħseb li huwa utli li ssir distinzjoni bejn tliet kategoriji ta' regoli nazzjonali: l-ewwel nett, dawk li għandhom l-għan li jittrasponu d-direttiva *stricto sensu*, li bilfors iridu jkunu konformi mar-rekwiżiti tagħha; it-tieni nett, dawk li jaqgħu fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet bħal dawk tal-Ftehim Qafas li jistabbilixxu biss prinċipji ġenerali u rekwiżiti minimi, limitu li l-Istati Membri huma awtorizzati jaqbżuh; it-tielet nett, dawk li ma għandhom l-ebda rabta mal-kontenut tad-Direttiva jew tal-Ftehim Qafas. Issa, l-unika u l-istess riforma tad-dritt intern jista' jkollha dawn it-tliet għanijiet. Fil-każ li l-paragun bejn is-sistema legali li kien hemm qabel traspożizzjoni u s-sistema legali li tirriżulta mit-traspożizzjoni jagħti riżultat globalment negattiv, dan il-bilanċ jista' jikkaratterizza tnaqqis ta' natura ġenerali fis-sens tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas. Madankollu, jekk wieħed jinterpreta l-imsemmija klawżola bħala li timponi obbligu ta' trasparenza, ikun possibbli li jinħtieġ li Stat Membru jkun iddikjara b'mod ċar l-intenzjoni tiegħu jew li jimplementa l-Ftehim Qafas, jew li jilħaq għan ieħor, meta jkun introduċa l-emenda rispettiva.

47. L-ebda waħda mill-partijiet ikkonċernati ma pproduċiet provi f'dan ir-rigward. F'kull

35 — Sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 130).

36 — Sentenza Mangold, iċċitata iktar 'il fuq (punt 51).

37 — Ir-Repubblika Taljana ssostni, naturalment, li l-Artikoli 1 u 11 ta' dan id-digriet leġiżlattiv ma jaqgħux fil-qasam kopert mill-Ftehim Qafas, imma l-argumenti mressqa f'dan ir-rigward ma jikkonvinċunix, għar-raġunijiet spjegati iktar 'il fuq.

38 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna10 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39 — Sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 133).

każ, fil-kuntest tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita mill-Artikolu 234 KE, huma l-qrati nazzjonali kompetenti biss li għandhom jinterpretaw id-dritt intern [40]. Issa, skont il-qorti li quddiem tressqet il-kawża prinċipali "l-*emenda bi tnaqqis* tal-kawża ta' sostituzzjoni jirriżulta li kienet marbuta mill-qrib mal-osservanza tal-obbligu ta' adattament tas-sistema legali Taljana għad-direttiva inkwistjoni" [41].

48. Fid-dawl tal-informazzjoni inkluża fil-proċess tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jistax ikun eskluż li l-fatt li d-Digiret Leġiżlattiv 368/2001 ma jipprevedix iktar l-obbligu li jissemma isem il-ħaddiem issostitwit u r-raġuni għas-sostituzzjoni huwa marbut mal-implementazzjoni tal-Ftehim Qafas, imma huwa wkoll possibbli li għan totalment differenti mill-imsemmija implementazzjoni wassal għal din ir-riforma. Għandha tkun il-qorti nazzjonali, iktar milli l-Qorti tal-Ġustizzja, li tidentifika r-raġunijiet li pprevalu fl-adozzjoni tad-dispożizzjoni nazzjonali kkonċernata [42].

49. Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni magħmula mis-sentenza Angelidaki *et*, jiġifieri li t-tnaqqis irid iwassal għal-"livell ġenerali ta' protezzjoni" mogħti lill-ħaddiema għal żmien determinat, din timplika li tnaqqis biss fuq skala li tista' taffetwa b'mod globali l-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas [43].

50. F'dan ir-rigward, għandha titkejjel l-importanza tal-effett li kellhom l-emendi kkontestati fuq il-livell ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema rreklutati għal żmien determinat, fir-rigward tas-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel fid-dritt intern.

51. Jidher li l-bidliet li saru bl-Artikolu 1 tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 fir-rigward tad-dritt nazzjonali preċedenti ma jaffetwawx lill-ħaddiema kollha li kkonkludew kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat, imma biss dawk li kienu ġew impjegati bil-għan li jissostitwixxu ħaddiema assenti li kellhom dritt li jżommu l-impjieg tagħhom, peress li din il-kategorija biss issemmiet fl-Artikolu 1(2)(b) tal-Liġi 230/1962, li għalih tirreferi d-deċiżjoni tar-rinviju.

52. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [44], sakemm il-ħaddiema rreklutati biex tkun żgurata sostituzzjoni ma jirrappreżentawx parti sinjifikattiva tal-ħaddiema impjegati għal żmien determinat fl-Istat Membru kkonċernat, xi ħaġa li għandha tivverifika l-qorti tar-rinviju, it-tnaqqis tal-protezzjoni li tibbenefika minnha tali kategorija ristretta ta' ħaddiema ma għandux, bħala tali, jaffetwa b'mod globali l-livell ta'

40 — Ara, b'mod partikolari, id-digriet Vassilakis *et* iċċitat iktar 'il fuq (punt 134), kif ukoll is-sentenzi Marrosu u Sardino iċċitata iktar 'il fuq (punt 54), u tas-7 ta' Mejju 2009, Rijkeboer (C-553/07, Ġabra p. I-3889, punt 30).

41 — Punt III tat-talba għal deċiżjoni preliminari, fejn għandu jiġi ppreċiżat li hija l-espressjoni bil-Latin "*reformatio in peius*" li hija bil-korsiv fit-test oriġinali.

42 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 138).

43 — Sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 140).

44 — Sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 142).

protezzjoni applikabbli fis-sistema legali interna għall-ħaddiema marbuta b'kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat.

53. Barra minn hekk, nosserva li t-test il-ġdid iżomm, minn naħa, ir-rekwiżit li tkun imsemmija r-raġuni għall-użu ta' kuntratt għal żmien determinat, billi ssir referenza għal raġunijiet preċiżi ta' teknikalità, ta' produzzjoni, ta' organizzazzjoni jew ta' sostituzzjoni ta' ħaddiema u, min-naħa l-oħra, is-sanzjoni marbuta ma' dak ir-rekwiżit, jiġifieri l-invalidità tat-terminu. Fid-dawl tal-informazzjoni inkluża fil-proċess, wieħed jista' jistaqsi jekk, kif issostni Poste Italiane, l-emendi introdotti jistgħux ikunu kontrobilanċjati b'garanziji oħrajn, b'tali mod li l-livell ta' protezzjoni mogħti mis-sistema attwali jkun paragunabbli, jew saħansitra iktar favorevoli mis-sistema l-antika, kemm b'mod globali kif ukoll b'mod speċifiku, jiġifieri f'dak li jikkonċerna r-raġunijiet tal-konklużjoni ta' kuntratt għal żmien determinat.

54. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi kkonstatat li l-emendi li saru minn leġiżlazzjoni nazzjonali ma jidhirx li jikkostitwixxu tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema sa fejn dawn jistgħu jitpaċew bl-adozzjoni ta' miżuri oħrajn, bħal dawk li jipprevjenu l-użu abbużiv minn kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi [45], u ma' din l-ispjegazzjoni nżid ukoll, il-miżuri li għandhom l-għan li jipprojbixxu d-diskriminazzjonijiet li jsiru kontra l-ħaddiema li kkonkludew kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat.

45 — Ara s-sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 146).

55. Fiċ-ċirkustanzi imsemmija iktar 'il fuq, il-projbizzjoni ta' tnaqqis tal-livell ġenerali tal-protezzjoni mogħti lill-ħaddiema b'hekk ma jimpedixxi li ħaddiem jew kategorija ta' ħaddiema jistgħu jsibu rwieħhom f'sitwazzjoni inqas favorevoli wara t-traspożizzjoni tal-Ftehim Qafas.

56. Ikun xi jkun il-każ, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema kif ipprojbit mill-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas, u b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-effett konkret tal-emenda tad-dritt intern ikkontestata, għandha ssir mill-qorti tar-rinviju, li hija l-unika waħda li għandha għarfien suffiċjenti tal-iżvilupp tas-sistema applikabbli għall-kuntratti għal żmien determinat fid-dritt nazzjonali.

57. Fl-aħħar, jidhirli li l-emendi li saru minn regoli nazzjonali, li, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom l-għan li jittrasponu d-Direttiva 1999/70 u l-Ftehim Qafas, ma jikkostitwux tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema għal żmien determinat fis-sens tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas, sa fejn — u dan għandha tivverifikah il-qorti tar-rinviju — dawn jirrigwardaw kategorija limitata ta' ħaddiema li kkonkludew kuntratt ta' xogħol

għal żmien determinat jew jistgħu jitpaċew bl-adozzjoni ta' miżuri oħrajn ta' protezzjoni għall-ħaddiema li kkonkludew tali kuntratti.

D — *Fuq il-konklużjonijiet li għandhom jinstiltu mill-interpretazzjoni tal-klawżola msejħa "ta' nuqqas ta' rigressjoni"*

58. Bit-tieni domanda tagħha, il-qorti tarrinviju tistaqsi jekk hix obbligata, skont id-dritt tal-Unjoni, tinjora l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma hijiex konformi ma' dan id-dritt. Essenzjalment, hija tixtieq tkun taf jekk, fil-każ li l-Artikoli 1 u 11 tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 imorru kontra l-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas, hija għandiex tapplika minflokhom id-dispożizzjonijiet li kienu fisseħħ qabel l-adozzjoni ta' dan it-test, jiġifieri l-Artikolu 1(2)(b) tal-Liġi 230/1962.

59. Għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà tat risposta għal domanda simili fis-sentenza Angelidaki *et,* iċċitata iktar 'il fuq, u informazzjoni utli oħra li tippermetti li tingħata risposta għal din id-domanda tirriżulta mis-sentenzi Adeneler *et* u Impact, kif ukoll mid-digriet Vassilakis *et* [46], kif ġie rrilevat fid-digriet li ngħata fl-istess ħin fil-kawża Koukou [47].

60. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ġurisprudenza stabbilita tagħha dwar l-effett dirett vertikali tad-direttivi [48] kienet estiża għall-ftehim li, l-istess bħall-Ftehim Qafas dwar il-kuntratti għal żmien determinat, ġew innegozjati bejn l-imsieħba soċjali fuq il-livell Komunitarju u ġew implementati b'direttiva tal-Kunsill, li huma jiffurmaw parti integrali minnha, skont l-Artikolu 139(1) u (2) KE [49].

61. Sussegwentement, hija ddeċidiet li, b'kunsiderazzjoni għall-għan tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas, u għall-portata limitata tagħha, u anki fid-dawl tad-diċitura tagħha, mill-projbizzjoni stabbilita minn dik id-dispożizzjoni l-individwi ma jistgħu jiddeduċu l-ebda dritt li l-kontenut tiegħu jkun suffiċjentement ċar, preċiż u bla kundizzjonijiet [50].

46 — Sentenzi Adeneler *et* iċċitata iktar 'il fuq (punti 108 sa 124), kif ukoll tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, Ġabra p. I-2483, punti 69 sa 80); digriet Vassilakis *et* iċċitat iktar 'il fuq (punti 56 sa 72).

47 — Digriet iċċitat iktar 'il fuq (punti 125 *et seq*).

48 — Ara s-sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punti 193 *et seq*, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

49 — Ara s-sentenza Impact iċċitata iktar 'il fuq (punt 58), li teskludi l-effett dirett tal-klawżola 5(1) ta' dan il-ftehim qafas imma tirrikonoxxi tali effett għall-klawżola 4(1).

50 — Ara s-sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punti 208 sa 211). L-Avukat Ġenerali Kokott kien ikkonkluda wkoll li l-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas ma tistax tiġi applikata direttament, minħabba "l-użu ta' termini ġuridiċi vagi" u fuq kollox minħabba li "din id-dispożizzjoni b'ebda mod ma hija intiża li tagħti lill-individwu drittijiet ta' protezzjoni tal-interessi tiegħu li huwa jista' jeżerċita ġudizzjarjament" (punti 125 sa 127 tal-konklużjonijiet ippreżentati f'din il-kawża).

62. Kif diġà rrilevajt, tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni eventwalment subit minn ħaddiem mhux bilfors jimplika tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni fis-sens tal-klawżola 8 tal-Ftehim Qafas. Fi kliem ieħor, ma huwiex eskluż li s-sitwazzjoni ta' individwu tirriżulta li tkun inqas favorevoli milli taħt is-sistema legali l-antika, mingħajr ma madankollu r-regola nazzjonali l-ġdida tkun kuntrarja għall-Ftehim Qafas.

63. Minn dak li ngħad iktar 'il fuq il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li l-imsemmija klawżola ma tissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikun prodott effett dirett [51], li f'dan il-każ kien ikun vertikali [52] filwaqt li f'din il-kawża, jista' jkun prodott effett dirett orizzontali, possibbiltà li dejjem kienet irrifjutata mill-Qorti tal-Ġustizzja [53].

64. Għandu jiġi ppreċiżat li n-natura ta' entità privata jew pubblika ta' Poste Italiane ġiet diskussa ferm mill-partijiet, mingħajr ma l-proċess jinkludi informazzjoni suffiċjenti biex inkun nista' nieħu pożizzjoni kategorika f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, ma jidhirlix li hemm għalfejn niċċara din in-natura peress li anki effett dirett vertikali ġie espliċitament miċħud fil-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas.

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi qalet li "[f]'dan il-kuntest, huma l-qrati nazzjonali li għandom jinterpretaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali kemm jista' jkun b'mod li jkunu jistgħu jingħataw applikazzjoni li tkun konformi mal-għan [54] imfittex mill-Ftehim Qafas", u b'mod partikolari li tingħata intepretazzjoni konformi mal-klawżola 8(3) tal-imsemmi ftehim qafas [55].

66. L-implikazzjonijiet konkreti ta' din il-ġurisprudenza ġew analizzati b'mod differenti mill-partijiet. Minn dan, F. Sorge ddeduċiet li l-qorti tar-rinviju kellha tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet tal-Liġi 230/1962 minflok dawk tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 ikkunsidrati bħala li jmorru kontra l-Ftehim Qafas, b'mod partikolari fid-dawl tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Corte costituzionale u mill-Corte suprema di cassazione Taljani. Min-naħa l-oħra, filwaqt li kienet tikkunsidra li dawn id-deċiżjonijiet kienu jixhdu l-konformità tar-regoli kkontestati mal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas, Poste Italiane kienet tal-fehma li

51 — Sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punti 208 sa 211).

52 — Id-diversi kawżi prinċipali kienu bejn ħaddiema u l-awtoritajiet territorjali li jimpjegawhom.

53 — Skont ġurisprudenza stabbilita, direttiva ma tistax tiġi invokata kontra individwu, filwaqt li din tista' tiġi invokata kontra Stat, ikun xi jkun l-inkarigu li jkopri dan tal-aħħar, jiġifieri bħala persuna li tħaddem jew awtorità pubblika. Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-26 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, Ġabra p. 723, punti 48, 49); tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori (C-91/92, Ġabra p. I-3325, punti 24 u 25); tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 109); tad-19 ta' April 2007, Farrell (C-356/05, Ġabra p. I-3067, punt 40), kif ukoll tad-19 ta' Jannar 2010, Kücükdeveci (C-555/07, Ġabra p. I-365, punt 46).

54 — Peress li l-ftehim qafas li jagħmel parti mid-Direttiva 1999/70, għandu l-istess natura ġuridika tagħha, l-għan tal-imsemmi ftehim għandu jkun osservat b'mod sħiħ mill-Istati Membri, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE.

55 — Sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punti 212 u 213), kif ukoll il-punti 122 sa 128 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott ippreżentati f'dik il-kawża.

t-Tribunale di Trani fl-ebda każ ma seta' jinjora l-imsemmija regoli. Ir-Repubblika Taljana ppreżentat biss osservazzjonijiet b'mod sussidjarju fuq din id-domanda, u qalet li l-qorti tar-rinviju kellha diversi mezzi biex tagħti lid-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 interpretazzjoni li tkun tista' tkun konformi mal-livell ta' protezzjoni mfittex mill-Ftehim Qafas. Minn naħa tiegħu, il-Gvern Olandiż ikkunsidra li l-interpretazzjoni konformi ma kellhiex twassal lill-qorti nazzjonali biex tħalli inapplikati d-dispożizzjonijiet inkwistjoni peress li dan iwassal biex il-klawżola ta' nuqqas ta' rigressjoni jkollha effett direttiv li ġie rrifjutat. Il-Kummissjoni ma' ppreċiżatx il-pożizzjoni tagħha dwar dan il-kap.

67. Is-sentenza Angelidaki *et,* iċċitata iktar 'il fuq, tagħti lill-qorti tar-rinviju xi indikazzjonijiet kemm rigward il-bażi legali (punti 197 u 198) kif ukoll rigward il-limiti tal-obbligu ta' interpretazzjoni konformi (punti 200 sa 202), u dan, b'analoġija, fir-rigward tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas. B'mod partikolari, tfakkar li l-qrati nazzjonali, l-istess bħall-organi kollha tal-Istati Membri, huma obbligati jagħmlu dak kollu li jaqa' taħt il-kompetenza tagħhom sabiex jiggarantixxu l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u biex iwasslu għal soluzzjoni konformi mal-għan tagħha [56]. Madankollu, l-eżerċizzju ta' din il-missjoni ma jistax iwassal biex il-qorti tar-rinviju tmur lil hinn mill-prerogattivi tagħha, u b'mod partikolari billi tagħti intepretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali, peress li l-leġiżlatur huwa l-uniku wieħed li għandu s-setgħa li jemendah.

68. Jidhirli li għandu jingħad ukoll li, fil-fehma tiegħi, l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi bl-ebda mod ma jista' jwassal biex regoli nazzjonali li ma humiex formalment validi u rilevanti, kemm *ratione materiae* kif ukoll *ratione temporis*, isiru applikabbli. Hija bilfors ir-regola nazzjonali applikabbli li trid tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni konformi mad-Direttiva 1999/70 u mal-Ftehim Qafas, kif ukoll mad-dritt tal-Unjoni inġenerali. Filwaqt li s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni tista' twassal biex regola nazzjonali tibqa' inapplikata, dan id-dritt ma jistax jagħti validità formali jew applikabbiltà *in casu* fi ħdan is-sistema legali ta' Stat Membru lil regola li taqa' taħtha. Għandu jiġi enfasizzat il-fatt li d-dritt tal-Unjoni ma jistax "jirxoxta" dispożizzjoni interna li ma għadhiex fis-seħħ u li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward, ma hijiex applikabbli *ratione temporis* fir-rigward ta' kawża, kif inhu l-każ tad-dispożizzjonijiet abrogati mil-Liġi 230/1962.

69. Għandu jiġi ppreċiżat li trid issir distinzjoni bejn ir-rekwiżit kif ġie fformulat u dak li jikkunsidra li l-obbligu ta' intepretazzjoni konformi għandu jirrigwarda d-dispożizzjonijiet kollha rilevanti

56 — Is-sentenza Kücükdeveci, iċċitata iktar 'il fuq, dan l-aħħar fakkret dawn il-prinċipji (ara l-punt 48).

tad-dritt intern, kemm preċedenti kif ukoll sussegwenti għad-direttiva kkonċernata [57]. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk id-dritt nazzjonali, bl-applikazzjoni tal-metodi ta' interpretazzjoni rikonoxxuti minnha, jippermetti f'ċerti ċirkustanzi li dispożizzjoni tas-sistema legali interna tiġi intepretata b'tali mod li jkun evitat kunflitt ma' regola oħra tad-dritt intern jew li titnaqqas għal dan il-għan il-portata ta' din id-dispożizzjoni billi din tkun applikata biss sakemm tkun kompatibbli mal-imsemmija regola, il-qorti għandha l-obbligu li tuża l-istess metodi sabiex tilħaq l-eżitu mfittex mid-direttiva [58].

70. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-obbligu ta' interpretazzjoni konformi, kif ġie interpretat, ma jfissirx li qed jiġi ammess *de facto* l-effett direct, vertikali jew anki orizzontali, tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas, kif jaħseb il-Gvern Olandiż. Nikkunsidra li ma għandhiex issir konfużjoni bejn, minn naħa, l-effett direct li dispożizzjoni ta' din ix-xorta jista' jkollha bħala tali fir-rigward tal-individwi u, min-naħa l-oħra, l-effett li din għandha fuq l-attività kemm leġiżlattiva kif ukoll ġudizzjarja [59] tal-Istati Membri.

71. Konsegwentement, it-tieni domanda preliminari għandha tingħata risposta fis-sens li, minn naħa, individwu ma jistax jippretendi l-implementazzjoni diretta tal-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Digriet Leġiżlattiv 368/2001 jiġu injorati favur dawk, li huma abrogati, tal-Artikolu 1(2)(b) tal-Liġi 230/1962; imma, min-naħa l-oħra, li fil-każ fejn id-dispożizzjonijiet ikkontestati jkunu kkunsidrati mill-qorti tar-rinviju bħala li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni, din għandha tagħti interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt intern applikabbli li tippermetti li jkunu rrispettati kemm it-test kif ukoll l-għan tal-imsemmija klawżola, sakemm ikun possibli u mingħajr ma jinqabżu l-limiti tal-kompetenzi tal-imsemmija qorti.

57 — Ara s-sentenza Angelidaki *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 197). Nikkunsidra li din il-kunsiderazzjoni tista' tiġi applikata biss għad-dispożizzjonijiet li tabilħaqq għandhom valur leġiżlattiv fis-sistema legali interna u mhux għad-dispożizzjonijiet abrogati li għandhom biss eżistenza fattwali, bħala element tal-istorja tad-dritt nazzjonali.

58 — Ara s-sentenza Pfeiffer *et*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 116).

59 — F'dan ir-rigward, nixtieq nenfasizza l-fatt li l-Ftehim Qafas jista' jkun is-suġġett ta' kawżi li jikkonċernaw mhux biss lill-individwi imma li jikkonċernaw anki lill-imsieħba soċjali, fuq livell settorjali jew anki nazzjonali, u li l-prinċipji ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u tal-ftehim kollettivi konformi mal-klawżola 8(3) tal-imsemmi ftehim qafas jidhirli li huma wkoll rilevanti fuq dan il-livell li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-validità tal-istipulazzjonijiet tal-kuntratti individwali ta' xogħol.

V — Konklużjoni

72. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunale di Trani kif ġej:

"1) Il-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat], konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix regoli domestiċi, bħal dawk inklużi fl-Artikoli 1 u 11 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, tas-6 ta' Settembru 2001, li, b'differenza għal regola tad-dritt intern preċedenti, bħall-Artikolu 1(2)(b) tal-Liġi Nru 230/1962, tat-18 ta' April 1962, li tirregola l-kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat, ma jipprevedux iktar l-obbligu li min iħaddem jispeċifika, fil-kuntratti għal żmien determinat li għandhom l-għan li jissostitwixxu ħaddiema assenti li għandhom id-dritt li jżommu l-impjieg tagħhom, kemm isem il-ħaddiem issostitwit kif ukoll ir-raġuni għas-sostituzzjoni tiegħu, peress li dawn l-emendi — u dan għandha tivverifikah il-qorti tar-rinviju — jirrigwardaw kategorija limitata ta' ħaddiema li kkonkludew kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jew tpaċew bl-adozzjoni ta' miżuri oħrajn ta' protezzjoni tal-ħaddiema li kkonkludew kuntratt għal żmien determinat.

2) Il-klawżola 8(3) tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal terminu fiss , konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, ma tissodisfax ir-rekwiżiti biex ikun hemm effett dirett. Fil-każ fejn emenda fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik introdotta bl-Artikolu 1 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/2001, tas-6 ta' Settembru 2001, jirriżulta li tmur kontra l-imsemmija klawżola, il-qorti tar-rinviju ma għandhiex tinjora d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt intern, imma għandha tagħti lil dawn id-dispożizzjonijiet, sa fejn ikun possibbli, intepretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari konformi mal-għan tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal terminu fiss".